MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Numru. 1400/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Rodrick Grima**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Rodrick Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 136688(M).

Akkuzat talli matul ix-xahar ta' Dicembru, 2009, gewwa Sqaq San Felic, Zejtun;

ikkommetta serq ta' mutur tat-tip Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni FAO-179, propjeta` ta' Alan Caruana liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur li jeccedi il-232.94 Euro (Lm100) izda mhux aktar minn 2329.4 Euro;

matul ix-xahar ta’ Dicembru tas-sena 2009, gewwa dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq numru tar-registrazzjoni ta’ vettura bin-numru FAO-179, liema hsarat ma jeccedux il-116.47 Euro (hamsin lira Maltin) ghad-dannu ta’ Alan Caruana, u/jew persuni ohra;

nhar id-9 ta’ Jannar 2010 u fil-granet ta’ qabel gewwa dawn il-gzejjer, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b’xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta’ chassis jew makna ta’, jew fuq, vettura bil-mutur u cioe` fuq il-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAO-179;

nhar id-9 ta’ Jannar, 2010 u fil-granet ta’ qabel gewwa dawn il-gzejjer kien qed jaghmel uzu minn vettura (mutur) b’numru tar-registrazzjoni FAO-179, minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji ghal terzi persuni;

nhar id-9 ta’ Jannar, 2010 u fil-granet ta’ qabel gewwa dawn il-gzejjer, saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew awtorita’ dwar it-transport, jew minghajr licenzja specifikata ghall-imsemmija vettura;

nhar id-9 ta’ Jannar, 2010 u fil-granet ta’ qabel gewwa dawn il-gzejjer ghamel uzu minn numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra jew falz minn dak mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija jew awtorita dwar it-transport dwar xi vetturi bil-muturi, cioe` wahhal marka tar-registrazzjoni falza bin-numru FBP-643;

nhar id-9 ta’ Jannar, 2010 u fil-granet ta’ qabel f’dawn il-gzejjer saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien licenzjat mill-Pulizija jew l-awtorita’ dwar it-trasport  biex tintuza fit-triq.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita’ skont il-ligi, joghgobha tordna l-iskwalifika ta’ kull licenzja tas-sewqan

ta’ Rodrick Grima ghal dak il-perjodu taz-zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni tal-akkuzi kollha fis-seduta tal-erbgha (4) ta’ Gunju, 2012, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u fejn il-Qorti nnominat Probation Officer sabiex ihejji pre-sentencing report, ipprezentat fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru, 2012 fejn inter alia l-probation officer Saviour Lia rrakkomanda illi l-imputat ikollu sentenza fil-komunita` ghalkemm irrikonoxxa l-fatt illi l-imputat sabha difficli ferm sabiex joqghod ma’ kundizzjonijiet stretti.

Illi madanakollu din il-Qorti, tenut kont tal-eta’ tieghu u l-fatt li tqisu bhala persuna vulnerabbli u li ghandha bzonn l-ghajnuna l-Qorti, filwaqt li ssibu hati tal-akkuzi kollha wara li rat l-Artikolu 267 u 325(1) tal-Kap. 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104, tikkundannah ghal probation order a bazi tal-Art 18 tal-Kap 446 ghal sentejn (2) kif ukoll ghal xoghol fil-kommunita’ ghal hamsin (50) siegha.

Il-Qorti tordna wkoll li tul dan il-perjodu, l-imputat ghandu jsegwi programm kontra d-dipendenza fuq id-droga.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------